MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 337/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Norbert Ciappara)**
**Vs**
**Nicola Schembri**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Frar 2004 u fl-aħħar ġimgħa ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-Raba' w s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w

dan bi ksur tar-regolament 9 tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif emendati w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li ma kinitix għall-użu esklussiv tiegħu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Settembru, 2009, li biha, wara li rat ir-Regolament 9 tal-GN 292/1939 kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija w ghall-hlas ta' multa ta' €468, liema multa tista' tithallas b'rata ta' tmenin Euro fix-xahar, bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' gimghat. Jekk ma jithallasx xi pagament, il-bilanc ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Il-Qorti m'applikatx l-artikolu 533 tal-Kap. 9 ghaliex l-esperti tqabbdu kollha waqt l-inkjesta li saret qabel is-sittax ta' Jannar 2006.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Settembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' pussess ta' droga (pussess semplici) u thassaraha, tirrevokaha w tannullaha in kwantu ghall-kwalifika li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w konsegwentement tibdel il-piena ghal wahda li ghandha tirrifletti pussess semplici.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni li bih eccepiet in-nullita' tar-rikors tal-appell stante li ma giex osservat ir-rekwizit kontenut fl-artikolu 419(1)( c ) tal-Kodici Kriminali, mehtieg

taht piena ta' nullita', billi ma ntalbitx ir-riforma tas-sentenza appellata, kif kellu jsir f' dan il-kaz.

Semghet it-trattazzjoni dwar din il-pregudizzjali;

Ikkonsidrat;

Illi l-appellant kien gie akkuzat b' akkuza ta' pussess tad-droga eroina f' tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu. Hu nstab hati. L-appellant qed jitlob pero li tigi konfermata il-htija ta' pussess semplici minghajr ic-cirkostanza li d-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi l-artikolu 419 (1)( c ) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li r-rikors tal-appell , barra mill-indikazzjonijiet komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti inferjuri

Illi hu car ghalhekk li huwa kellu fl-ewwel lok jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata w konsegwentement biss jghid liema parti tas-sentenza jrid li tigi konfermata w liema parti jrid li tigi revokata. Ghalkemm din l-ahhar parti giet esposta b' mod korrett, giet ommessa l-aktar haga importanti w cioe' t-talba principali ghar-riforma tas-sentenza.

Illi hemm lista formidabbli ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn dejjem giet dikjarata n-nullita' tal-appell - liema nullita' hija anki **sollevabbli "ex officio**" - ghaliex dejjem gie ritenut li, meta talba kellha tkun dik ta' riforma jew varjazzjoni tas-sentenza, izda, minnflok tintalab ir-revoka taghha, dan igib bhala konsegwenza li ma jkunx gie osservat il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali , b'mod ghalhekk li l-istess rikors tal-appell ikun null . (App. Krim. **Pul. vs. Mario Camilleri** –[3.12.2001]; **Il-Pulizija vs. Joe Borg** [21.7.1995] u ohrajn ).

Illi din il-Qorti diversament preseduta dahlet *funditus* f'din il-kwistjoni fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph**

**Galea** [ 30.6.1995]) Per V. De Gaetano J. fejn gie ritenut li :-

*"minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita' ta' appell, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :-*

*(a) Bhala regola generali, l-artikolu 419 (1), cioe' li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir* ***jew*** *ghat-tibdil tas-sentenza , giet "very strictly and rigidly interpreted" - (****"The Police vs. John Hill"****, Criminal Appeal, [23.9.1972])*

Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata , ghandha tintalab ir-revoka **JEW** ir-riforma w fil-fatt hekk tghid il-ligi fl-artikolu fuq citat .

Ghalhekk fil-kaz in ezami ladarba l-appellant qed jitlob li ma jinstabx hati tal-akkuza ta' pussess aggravat izda biss ta' pussess semplici, **hu kellu fl-ewwel lok jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata** w mbaghad l-appellant kellu jghaddi biex jghid liema parti mis-sentenza trid tigi konfermata w liema parti trid tigi **revokata**. Dan ma sarx.

Ghalhekk tiddikjara l-appell null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------